MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2013

Avviz Numru. 1/2011

**Grand Hotel Excelsior Limited**
(C 12837)
vs
**Ramon Micallef**
(ID 340670M)

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ippresentat mis-socjeta rikorrenti fit 3 ta' Jannar 2011 fejn talbet illi Ramon Micallef jigi kkundannat ihallasha is-somma ta' hdax-il elf, sitta u tletin Euro (€11,036) rappresentanti servizz ta' akkomodazzjoni u servizzi ohra relatati ma' tali akkomodazzjoni gewwa il-Grand Hotel Excelsior fuq istruzzjonijiet ta' l-istess Ramon Micallef.

Rat ir-risposta tal-intimat Ramon Micallef ippresentata fl 24 ta' Marzu 2011 fejn laqa' ghal dak mitlub billi eccepixxa illi t-talbiet kienu infondanti fi-fatt u fid-dritt peress illi l-intimat ma kienx il-legittimu kontradittur stante illi l-kontrattazzjoni mas-socjeta rikorrenti saret minnu a nom

ta’ Micra Events & Services Limited u mhux f’ismu personali.

Rat illi fl-14 ta’ Gunju 2011, is-socjeta rikorrenti ppresentat l-affidavit ta’ Caroline Barbara gia Farrugia, li kienet is-Sales and Marketing Manager tas-socjeta rikorrenti li ghamlet it-trattattivi mal-intimat flimkien ma’ korrispondenza varja skambjata bejn il-partijiet permezz ta’ email.

Rat l-affidavit ta’ Norbert Grixti, General Manager tal-lukanda Grand Hotel Excelsior, ippresentat fl-24 ta’ Novembru 2011.

Rat ili fis-seduta tal 25 ta’ Novembru 2011 is-socjeta rikorrenti ddikjarat li ma kienx fadallha aktar provi x’tippresenta.

Rat l-affidavit ta’ Ramon ossija Raymond Micallef ippresentat fit 23 ta’ April 2012 flimkien ma’ dokumentazzjoni varja dwar l-attivita’ organizzata mis-socjeta Micra Events & Services Limited, kumpannija tieghu, bl-isem ta’ Mickey’s Magic Show illi ttella bejn it 22 u il-25 ta’ Jannar 2009

Semghet il-kontro ezami ta’ Ramon Micallef illi saret fl 4 ta’ Gunju 2012.

Rat illi, fis-seduta tat 2 ta’ Novembru 2012, wara illi l-intimat naqas milli jidher u jressaq ilprovi tieghu, il-Qorti dikjarat il-provi intimati bhala maghluqa u differita il-kawza ghas-sentenza ghal 25 ta’ Marzu 2013 bil-fakolta’ tan-noti.

Rat illi fl 10 ta’ Dicembru 2012, is-socjeta rikorrenti ippresentat is-sottomissjonijiet taghha bil-miktub.

Ikkunsidrat

Illi l-kaz in ezami tirrigwarda servizz ta’ akkomodazzjoni moghtija lill-entourage shih tal-produzzjoni ‘Mickey’s

Magic Show’ li kienet qed tittella f’Jannar tas-sena 2009 u li kien qieghed jorganizza l-intimat Ramon Micallef.

Jirrizulta mill-provi prodotti illi, fit 18 ta’ Novembru 2008, l-intimat kellu laqgha ma’ Caroline Barbara, illi dak iz-zmien kienet is-Sales and Marketing Manager tal-Grand Hotel Excelsior fejn maghha iddiskuta d-diversi offerti ta’ sponsorship illi kien qieghed joffri lill min kien interessat jipprovdi tali ghajnuna lill-produzzjoni.

Sussegwentement, dakinhar stess, it-18 ta’ Novembru 2008, fis-13.56, kif jidher mill-email esebita mis-socjeta rikorrenti bhala Dok CF1 a fol 27 tal-process, Caroline Farrugia baghtet email lill Ramon Micallef fejn qaltlu “we are pleased to offer the following in exchange for platinum sponsorship”, u ghaddiet biex elenkat dak li kienet disposta toffri il-lukanda Grand Hotel Excelsior.

Da parte tieghu, l-intimat Ramon Micallef, permezz ta’ email mibghtua darkinhar stess, jiifieri 18 ta’ Novembru 2008, fl-22.37, esebita bhala Dok CF2 ikkonferma illi kien kuntent li qed jaccetta tali sponsorship filwaqt illi elenka il-beneficcji illi l-istess lukanda kienet ser tibbenefika minnhom rizultat tal-isponsorship illi kienet ser taghti.

Minn dakinhar ‘l hemm, ghalkemm qatt ma kien hemm ftehim bil-miktub bejn il-partijiet, il-partijeit baqghu jikkorrispondu bejniethom dwar dettalji u htigijiet relatati mal-akkomodazzjoni tal-entourage li kienet ser tigi Malta.

L-attivita’ sussegwentement ittellghet u il-persuni kollha qadu fil-lukanda rikorrenti kif miftiehem u l-intimat ghamel il-pagamenti ta’ depositu kif kienu lilu mitluba skont il-kont lilu mibghut fis-26 ta’ Jannar 2009 u minnu accettat, esebit bhala Doks CF6 u CF7 u kien fadallu biss ihallas il-bilanc la darba l-attivita’ titlesta.

Sussegwentement, l-intimat reggha tella attivita’ ohra, din id-darba bl-isem ‘Beauty and the Beast’, u, wara li fit 13 ta’ Frar 2009, l-intimat kiteb lill Caroline Barbara, gia Farrugia, jgharrafha bl-attivita’ illi kien qed jorganizza u l-offerta illi jibbenefikaw mill-istess sponsorship li kellhom

ghas-show precendenti, kif jidher f'Doc CF9, l-istess Caroline Barbara, fis 17 ta' Frar 2009, ikkonfermat id-disponibbilta' tal-lukanda illi taghti l-istess 'sponsorship'. Din it-tieni produzzjoni saret bejn il 11 u it-13 ta' April 2009 u l-entourage, ghal darba ohra, qadu fil-lukanda rikorrenti.

Ma jidher illi kien hemm ebda ilment dwar is-servizz tal-lukanda izda l-kont baqa ma thallasx u, fit 28 ta' Mejju 2009, Caroline Barbara kitbet lill-intimat sabiex tindaga dwar il-pagament tal-bilanc dovut, peress illi kien ghadda iz-zmien. L-intimat, permezz ta' email mibghuta fit 28 ta' Mejju 2009, stqarr illi kellhom problemi finanzjarji u kien f'diskussjonjiet mal-bank sabiex jinghataw facilitajiet finanzjarji godda sabiex ikunu jistghu ihallsu lis-socjeta rikorrenti. L-intimat assikura illi, la darba jinghataw il-facilitajiet mehtiega, huma ser ihallsu minnufih.

Sussegwentement, meta l-intimat baqa' ma hallasx, is-socjeta rikorrenti, tramite il-legali taghha, kitbet lill-intimat personalment fit 28 ta' Awissu 2009 fejn talbitu jhallas l-ammont ta' hdax-il elf u sitta u tletin Euro, kif jidher a fol 17, ghal liema ittra l-intimat irrisponda tramite l-avukat tieghu fit 28 ta' Ottubru 2009 fejn qal li huwa personalment ma ghandu jaghti ebda flejjes lis-socjeta rikorrenti. Fl-10 ta' Marzu 2010, imbghad is-socjeta rikorrenti kitbet lis-socjeta Micra Events & Services LImited fejn ghamlet l-istess talba li kienet saret precendentement lill Ramon Micallef personalment.

Jidher skond l-avviz illi, fl 14 ta' Ottubru 2009, giet ippresentata Ittra Ufficjali, izda kopja ta' dina l-ittra ufficjali ma gietx pprezentata u ghalhekk il-Qorti ma tafx jekk kienetx indirizzata lill-itnimat personalment jew inkella lis-socjeta Micra Events & Services Limited. Finalment, fit-3 ta' Jannar 2011 giet intavolata il-kawza odjerna.

Ikkunsidrat

Illi s-socjeta rikorrenti qieghda tibbaza l-azzjoni kollha taghha fuq il-korrispondenza illi niedet ir-relazzjoni kummercjali bejn iz-zewgt partijiet, ossija dik illi gie

skambjata fit-18 ta' Novembru 2009 bejn Caroline Barbara, Sales and Marketing Manager tas-socjeta rikorrenti, u il-konvenut. Is-socjeta rikorrenti imbghad tiggustifika il-fatt illi l-kawza kellha tinbeda kontra ir-rikorrent, peress illi r-rikorrenti ghamel uzu mill-email personali tieghu meta nieda d-dikussjonjiet u sar il-ftehim, u kien biss sussegwentement illi beda jaghmel uzu ta' emails bil-logo tas-socjeta Micra Events & Services Limited.

L-intimat, da parte tieghu qieghed jishaq illi huwa, sa mill-bidu nett, kien sahaq illi l-attivita' kienet ser tigi organizzata minn Micra Events & Services Limited u di fatti, ghall-ewwel laqgha illi huwa kellu, ghadda lill Caroline Barbara 'sponsorship package' illi huwa kien lesta ghal kull min kien interessat, liema 'Sponsorship Package' giet minnu esebita bhala Dok RM1 a fol 73 tal-process.

Ikkunsidrat

Il-Qorti, fl-assenza ta' ftehim bil-miktub bejn il-partijiet, ser ikollha tasal ghall konkluzjonjiet taghha dwar il-ftehim milhuq bejn il-partijiet mid-dokumentazzjoni skambjata bejn il-partijiet, partikolarment l-emails skambjati fit 18 ta' Novembru 2009.

Harsa lejn tali skambju juri illi Caroline Barbara, gia Farrugia, ikkonfermat illi s-socjeta rikorrenti kienet disposta li tacetta taghmel kontribut ghall attivita' illi kienet ser issir "in exchange for platinum sponsorship".

Referenza ghall 'Platinum Sponsorship', tfisser illi r-rappresentanta tas-socjeta rikorrenti kienet fil-pussess tal-'Sponsorship Package', illi l-intimat stqarr li huwa ppresenta dakinhar li ltaqa maghha sabiex jiddiksuti r-relazzjoni kummercjali ta' bejniethom, meta saru l-konsidrazzjonjiet da parte tas-socjeta rikorrenti dwar x'offerta kellha taghti lill-intimat.

Ghalhekk, la darba sar referenza specifiku ghal 'Platinum Sponsorship' fl-ewwel korrispondenza da parte tas-socjeta rikorrenti, dana jfisser illi s-socjeta rikorrenti kienet ben a korrent tal-fatt illi kienet qieghda tidhol f'relazzjoni kummercjali ma' Micra Events & Services Limited, u jekk dana ma kienx car lilha, kien unikament rizultat ta' nuqqas da' parte tas-socjeta rikorrenti u mhux l-intimat.

Filwaqt illi tifhem l-argument imressaq mis-socjeta rikorrenti illi l-intimat kien qieghed jaghmel uzu minn kumpannija illi, skond ir-records tal-MFSA, ma kienetx fi stat illi topera, u tifthem ukoll illi l-intimat kien qieghed jaghmel uzu minn tali argument sabiex jahrab mill-obbligi tal-hlas lis-socjeta rikorrenti, jirrizulta bl-aktar mod car illi, fil-mument illi l-intimat nieda r-relazzjoni kummercjali mas-socjeta rikorrenti, huwa ghaddhielha dokumentazzjoni li turi li s-servizz kien ser jinghata lill Micra Events & Services Limited u mhux lill-intimat personalment u s-socjeta rikorrenti ma dahhlet f'ebda ftehim bil-miktub illi b'xi mod rabtet lill-intimat personalment sabiex jaghmel tajjeb ghall hlasjiet dovuti lis-socjeta rikorrenti.

Tali fatt huwa korroborat anke mill-fatt illi s-socjeta rikorrenti, wara li kienet giet a korrent tal-argument tal-intimat li huwa personalment ma kellu jaghti ebda flejjes, baghtet ittra fejn talbet il-hlasjiet imsemmija fl-avviz odjern lis-socjeta Micra Events & Services Limited.

Ghalhekk, jirrizulta mid-dokumentazzjoni pprovduta, illi r-relazzjoni kummercjali stabbilita mis-socjeta rikorrenti ghaz-zewgt attivitajiet 'Mickey's Magic Show' u 'Beauty and the Beast' kienet mas-socjeta Micra Events & service Limited, illi kienet qed ittella l-produzzjonijiet, u mhux mal-intimat personalment.

Konkluzjoni

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotti mill-partijiet,

Wara illi fliet fir-reqqa d-dokumentazzjoni kollha esebita,

Tghaddi biex taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-intimat u

Tichad it-talba attrici.

Kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------